ŻABBAR
*Città Hompesch*

**Minuti tas-seba’ laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter’s**

Is-seba’ laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter’s saret nhar l-Erbgħa, 22 ta’ Diċembru, 2010. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta’ filgħaxija.

Fl-assenza taċ-*Chairperson* li kienet skużata, il-Viċi *Chairperson* is-Sur Norman Clews ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu l-Viċi *Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Luciano Farrugia u s-Sur Joseph Agius.

Iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista u s-Sur Mario Bartolo kienu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tas-sitt laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Agius li ġiet issekondata mis-Sur Farrugia.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Agius tkellem dwar il-bozza li jeħtieġ issir fi Triq il-Marżebb ma’ Triq il-Werżieq u qal li din il-bozza tista’ titwaħħal ma’ arblu li hemm f’din il-parti tat-triq.

Is-Sur Clews semma l-fuljett li tqassam fid-djar u li permezz tiegħu l-Kumitat Amministrattiv informa lill-pubbliku dwar it-twaqqif tal-Kumitat; il-ħidma li bdiet titwettaq, kif ukoll il-kuntatt li r-residenti jistgħu ikollhom mal-membri tal-Kumitat.

Is-Sur Agius tkellem dwar l-ittra li l-Kumitat irċieva minn resident dwar muturi li qed ikun hemm fit-toroq ta’ St Peter’s. Dawn il-muturi, li għandhom għamla ta’ rota, qed jintużaw minn xi żgħażagħ li saħansitra qed jitilgħu bihom fuq il-bankini. Is-Sur Farrugia issuġġerixxa li dan l-ilment jitressaq lill-Pulizija biex jittieħdu l-passi neċessarji.

Is-Sur Clews issekonda lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament ma' din il-proposta.

Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-fatt li l-Kumitat baqa' mingħajr risposta dwar l-ittri li kiteb lid-Dipartiment tal-Artijiet. Huwa qal li l-Kumitat m'għandux jiġi trattat b'dan il-mod għax b'hekk żgur li ma jistax ikun effettiv u jilħaq l-aspirazzjonijiet tar-residenti. Is-Sur Farrugia ppropona li dan l-ilment jitressaq għall-attenzjoni tas-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said bit-tama li fl-aħħar tingħata risposta u li l-Kumitat ma jibqax jiġi trattat b'dan il-mod.

Is-Sur Farrugia reġa semma l-problema ta' nuqqas ta' ndafa fi Triq il-Berebies ma Triq l-Għakrux u l-fatt li l-proprjetarji ta' ħanut li hemm f'dan il-post qed joħorġu l-iskart wara li jgħaddi l-i*scammel*. Is-Sur Farrugia talab li jittieħdu l-passi kollha biex dan l-abbuż jieqaf.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li jkun hemm xi tibdil fis-sistema tat-traffiku fi Triq il-Farfett tal-Fejġel u ppropona li parti minn din it-triq issir *One Way* u ma jkunx permess dħul għal Triq il-Farfett tal-Fejġel minn Triq l-Għakrux. Barra minn hekk ma jkunx hemm dħul ukoll għal Triq l-Għakrux minn Triq il-Berebis. Is-Sur Agius issekonda l-proposta tas-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li jinforma lir-residenti dwar it-tibdil propost biex wara li jkollu l-opinjoni tagħhom ikun jista' jieħu deċiżjoni u jekk ikun hemm bżonn jitlob l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

Fl-aħħarnett is-Sur Farrugia talab li jkun hemm aktar infurzar fuq kontravenzjonijiet tat-traffiku li qed ikun hemm fi Triq il-Berebis fil-kantuniera ma Triq l-Għakrux.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta'filgħaxija.

Duncan Busuttil,
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-tminn laqgħa li saret nhar il-Ħamis, 6 ta' Jannar, 2011.

Norman Clews
Viċi *Chairperson*